IL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-13 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**

**Versus**

**Dorianne Baldacchino**
**(0170688M)**

**Kumpilazzjoni numru 402/2022**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Dorianne Baldacchino** detentrici tal-karta tal-identita' Malta bin-numru 0170688M, bint Angelo u Rosaria Maria xebba Muscat, imwielda Pieta', Malta nhar it-2 ta' April 1988, residenti gewwa 21, id-Dwejra, Triq il-Felluka, Marsaxlokk.

Akkuzata talli, gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

1. Nhar it-23 ta' Settembru 2020 sabiex kisbet xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtoritajiet ohra (anke jekk mhux awtoritajiet pubblici), xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz u dan billi iddikjarat impjieg fittizju lill-BNF Bank plc u/jew entitajiet ohra; *Artikoli 18 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. Nhar il-11 ta' Settembru 2015 u/jew fil-gimghat ta' qabel xjentament ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan billi pprezentat FS3 u payslips

fittizji sabiex tikseb kuntratt ta' self minn ghand HSBC Bank Malta plc u/jew entitajiet ohra; *Artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijie ta' Malta;*

3. Nhar l-4 ta' Settembru 2014 sabiex kisbet xi vantagg jew beneficcju ghaliha innfisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika u kwalunkwe awtoritajiet ohra (anke jekk mhux awtoritajiet pubblici), xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz u dan billi iddikjarat impjieg fittizju lill-HSBC Bank Malta plc u/jew entitajiet ohra; *Artikoli 18 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. Nhar it-12 ta' Frar 2014 u/jew fil-gimghat ta' qabel xjentament ghamlet uzu min att, kitba jew skrittura flaza u dan billi pprezentat FS3 fittizja sabiex tikseb kuntratt ta' self min ghand Banif Bank (Malta) plc u/jew entitajiet ohra; *Artikoli 18 u 184 tal-Kapitlou 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. Nhar l-10 ta' Dicembru 2013 sabiex kisbet xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika u kwalunkwe awtoritajiet pubblici), xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz u dan billi iddikjarat impjieg fittizju lill-Banif Bank (Malta) plc u/jew entitajiet ohra; *Artikoli 18 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Il-Qorti hija mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lil imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 1 ta' Lulju 2022 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi

kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha.

Illi l-imputata regghat tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrijja ta' l-imputata kif ukoll il-Fedina Penali netta taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 184 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata **hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 22 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma' twettaqx reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi ai termini ta' l-**Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lil hatja bil-konsegwenzi, jekk hi tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat